Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 418 / 2017

Il-Pulizja

(Spettur Trevor Micallef)

Vs

Roderick Zahra

Ruth Spiteri

Illum 2 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputati Roderick Zahra, detentur tal-karta tal-identita' 262484M u Ruth Spiteri detentrici tal-karta tal-identita' 368679M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul il-perjodu ta' bejn il-11 t' Ottubru, 2017 u x-xhur ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

1. Roderick Zahra qed jigi akkuzat wahdu talli fl-20 ta' Awwissu, 2017 f'xi hin bejn 01:00 a.m. u l-11:30 a.m., ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Waykiki, 8, Triq Hans Christian Andersen, Naxxar u dan ghad-dannu ta' Josian Tonna u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Akkuzat aktar talli bejn it-30 ta' Awwissu, 2017 u l-31 ta' Awwissu, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 4, Triq Lord Byron Naxxar u dan ghad-dannu ta' Paula King u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Akkuzat aktar talli bejn l-31 ta' Awwissu, 2017 u t-13 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Casa Margerita, Triq il-Hawt, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Marika Martinez u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Akkuzat aktar talli bejn is-7 ta' Settembru, 2017 u t-8 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza Honeystone, Triq il-Gizimin, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Michele (Michael) Galea u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. Akkuzat aktar talli fl-10 ta' Settembru, 2017 ghal habta tas-02:44 p.m. ikkommetta serq ta' tlett cilindri tal-gass minn barra r-residenza Christy, Triq il-Qasam, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Sidney Hili u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. Akkuzat aktar talli fit-12 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 107, The Red Block, Triq it-Terz, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Claudio Camilleri u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

7. Akkuzat aktar talli bejn il-21 ta' Settembru 2017 u t-22 ta' Settembru 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 7, Triq Ghaxqet l-Ghajn, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Lydia Camilleri u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Akkuzat aktar talli fit-23 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza Bucharest Crt. Mais 1, Triq Apap Bologna, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Joseph Bonnici u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

9. Akkuzat aktar talli fid-29 ta' Settembru, 2017 ghal habta tas-07:00 a.m. ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Villa Borgese, Triq Ewgenju Borg, Zebbug Malta u dan ghad-dannu ta' Philip Micallef u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

10. Akkuzat aktar talli bejn il-15 ta' Settembru, 2017 u l-20 ta' Settembru 2017 f'xi hin filghodu ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza tal-Misluta, Triq Molletta, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Claire Burlo u/jew persuni ohra (Art 258. Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

11. Akkuzat aktar talli fix-xahar ta' Settembru 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Giebja, Triq l-Ilqugh, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Carmen Cauchi u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

12. Akkuzat aktar talli fl-ahhar jiem, f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Casanna, No 72, Triq Margerita, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Svetlana Robinson u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

13. Akkuzat aktar talli bejn is-16 ta' Settembru, 2017 u t-18 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf ikkommetta serq ta' diversi ghodda minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li tinstab fi Triq il-Giebja, Swieqi liema serq huwa kwalifikat bil-"valur" (izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta' Jonathan Borg

u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 261(c), 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Roderick Zahra qieghed jigi akkuzat bhala l-awtur u lil Ruth Spiteri bhala l-komplici ta' Roderick Zahra (Artikolu 42(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) talli:

14. Fl-1 ta' Settembru, 2017 f'xi hin bejn is-06:30 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Solei, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk u dan ghad-dannu ta' Louis Grech u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

15. Akkuzati aktar talli bejn is-06 ta' Settembru 2017 u t-08 ta' Settembru 2017 f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Selma, Triq Filippo Apap Bologna, Mosta u dan ghad-dannu ta' Rabie Maloul u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

16. Akkuzati aktar talli bejn il-11 ta' Settembru, 2017 u l-15 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 70, Triq Hida, Kappara, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Dr. Mario Cutajar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

17. Akkuzati aktar talli bejn is-16 ta' Settembru 2017 u s-17 ta' Settembru 2017, f' xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' erbgha cilindri tal-gass minn barra r-residenza 35, Petunia, Triq Tamal, San Giljan, u dan ghad-dannu ta' Claire McCoy u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

18. Akkuzati aktar talli bejn is-17 ta' Settembru, 2017 u t-18 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 14, Casa Fabriano, Triq ic-Cawsli, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Carmel Azzopardi u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

19. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 20, Triq Luigi Billion, Pembroke, ghad-dannu ta' Charles Vella u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

20. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 158, Triq Luigi Billion, Pembroke ghad-dannu ta' Mario Calleja u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

21. Akkuzati aktar talli fit-23 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 23, Triq it-Trincetta, Mosta u dan ghad-dannu ta' Fortunata Attard Cassar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

22. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017 f'hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

23. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f' hin bejn 08:00 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 225, Triq William Harding, Pembroke u dan ghad-dannu ta' Vincent Preca u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

24. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f'hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, Il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

25. Akkuzati aktar talli bejn it-2 t' Ottubru, 2017 u t-3 ta' Ottubru, 2017, f'hin bejn 12:00 p.m. u 02:00 p.m. ikkommettew serq ta' tlett cilindri tal-gass minn barra r-residenza 4, Gizimina, Triq Thomas Ashby, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Ruth Klotzer u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

26. Akkuzati aktar talli fit-12 ta' Settembru, 2017 f' xi hin bejn il-05:00 pm u s-06:15 pm ikkommettew serq ta' diversi ghodda minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li tinstab fi Triq Josef Kalleya, Swieqi liema serq huwa kkwalifikat bil-"mezz" u bil-"valur (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta' Angelo Scicluna u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 261(b)(c), 263(a), 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Roderick Zahra akkuzat wahda talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkotanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Akkuzati t-tnejn flimkien talli fl-istess perjodu ta' zmien kisru l-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kienu nstabu hatja mill-Qrati ta' Malta (Magistrat Dr. G. Mercieca LL.D.) fejn inghataw kundizzjoni biex ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputati hatja, ikkundannat lill-Roderick Zahra ghal perjodu komplessiv ta' tliet (3) snin habs effettivi u irrakommandat lid-Direttur tal-Habs sabiex il-hati jibda programm kontra l-vizzju tad-droga tul il-permanenza tieghu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.
Ikkundannat lill-Ruth Spiteri piena ta' tmintax-il (18) xahar habs li permezz ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal erbgha u ghoxrin (24)

xahar. Il-Qorti poggiet lill-hatja Ruth Spiteri taht ordni ta' trattament kontra l-vizzju tad-droga ghal zmien sentejn (2) mill-llum.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **jogghobha:**

**Tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett u tghaddi sabiex taghti sentenza skont il-ligi; jew, alternattivament u f' kaz li din it-talba tigi michuda, tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**(i) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom mill-Prosekuzzjoni u tikkonfermaha wkoll fil-parti tal-piena erogata fil-konfront ta' Roderick Zahra;**

**u**

**(ii) Thassarha u tirrevokaha f' dik il-parti tal-piena erogata fil-konfront ta' Ruth Spiteri, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena idoneja u gusta skont il-ligi.**

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fit-18 ta' Ottubru 2017, ai termini tal-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, ir-rikorrent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b' mod ċar u manifest hekk kif ser jiġi spjegat aktar ' il quddiem f'dan ir-rikors.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa bbażżat fuq il-fatt illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet fuq premessi mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2017, hija nulla u dan stante illi għalkemm il-Qorti sabet l-appellati ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom, hija naqset milli tiċċita l-artikoli kollha tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom l-appellati nstabu ħatja.

Illi f' tali ċirkostanzi, l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*

Illi in oltre, skont il-ġurisprudenza nostrana, in-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jimporta n-nullità tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalità sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, f' liema każ, jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata.[1] Konsegwentament, stante li l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati naqset milli tindika dawk l-artikoli tal-liġi li jkunu jikkontemplaw r-reati li tagħhom instabu ħatja l-appellati, l-appellant jinsab fl-impossibilità li jiddetermina jekk il-piena erogata fil-konfront ta' l-appellati hijix waħda fil-parametri tal-liġi kif ukoll huwa fl-impossibilità li jiddetermina jekk il-Qorti trattatx ma' l-appellata Ruth Spiteri ai termini ta' l-artikolu 23 (1) (a) ta' l-Att Dwar il-Probation.

Illi subbordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel aggravju surreferit, it-tieni aggravju ta' l-appellant huwa msejjes fuq il-fatt illi, fil-konfront ta' Ruth Spiteri, il-Qorti tal-Maġistrati erogat

---

[1] Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage Qorti ta' l-Appell Kriminali Onor. Imħallef David Scicluna datat 01 ta' Ġunju 2011.

piena illi fil-kwantità tagħha hija differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reati li dwarhom l-appellata Ruth Spiteri instabet ħatja fuq ammissjoni tagħha. Dan qiegħed jingħad stante illi l-Qorti tal-Maġistrati mponiet sentenza sospiża fuq l-appellata Ruth Spiteri meta din instabet ħatja talli kisret libertà kondizzjonata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, preseduta mill-Maġistrat Dr. G. Mercieca LL.D. nhar is-6 ta' Marzu 2017.

Illi l-artikolu 28A (7) (ċ) tal-Kodiċi Kriminali speċifikament jistipula illi:

(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1)[2] ma għandux isir f' xi wieħed mil-każijiet li ġejjin;
.........
(ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.

Illi stante illi l-appellata Ruth Spiteri ammettiet u konsegwentament instabet ħatja li kisret libertà kondizzjonata b' kull dovut rispett, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma setgħet qatt legalment tinfliġġi piena ta' priġunerija sospiża ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u dan in vista tal-eskluzzjoni ċarissima u inekwivoka ta' sentenza sospiża f'ċirkostanzi bħal dak li tinsab fihom l-appellata Ruth Spiteri, hekk kif stipulat fis-sub-artikolu 28A (7)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali surreferit. L-appellant jirrileva wkoll illi mhux talli l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment timponi sentenza sospiża fuq l-appellata Ruth Spiteri, talli saħansitra l-Qorti kellha tittratta magħha għar-reat li dwaru saret il-libertà kondizzjonata b' kull mod li tista' tirtratta magħha li kieku kienet għadha kemm ġiet dikjarata ħatja minn jew quddiem dik il-Qorti għal dak ir-reat, u dan in vista ta' dak stipulat fl-artikolu 23 (1) (a) ta' l-Att Dwar il-Probation.

Ikkunsidrat;

---
[2] Dan is-sub-artikolu jitratta dwar is-setgħa tal-Qorti sabiex timponi sentenza sospiża.

1. Illi l-appellata Ruth Spiteri kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja flimkien ma' Roderick Zahra fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn kienet irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha li jirrigwardaw komplicita' f'serqiet u li kisret il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi wara li nghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha, hija regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha;

3. Ili fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet sabet lill-appellata Ruth Spiteri hatja u kkundannata ghal tmintax (18)-il xahar habs li permezz tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar, kif ukoll poggietha taht ordni ta' trattament kontra l-vizzju tad-droga ghal zmien sentejn.

4. L-appellata Ruth Spiteri ma appellatx minn dik is-sentenza izda l-Avukat Generali intavola appell minn dik is-sentenza fejn apparti aggravju dwar il-piena inflitta mill-Qorti fil-konfront ta' Ruth Spiteri, ressaq aggravju li jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata stante li l-Ewwel Qorti kienet naqset milli tindika l-artikoli li abbazi taghhom sabet htija;

5. Illi din il-Qorti permezz tas-sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) kienet annullat is-sentenza appellata u ordnat li l-appellati jerghhu jitpoggew fil-pozizzjoni li kienu immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u dan sabiex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi;

6. Illi fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), l-appellata Ruth Spiteri kienet zammet ferm id-dikjarazzjoni ta' htija li kienet giet maghmula fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017);

Ghaldaqstant, din is-sentenza hija limitata dwar it-tieni aggravju tal-appellant l-Avukat Generali li sar fil-konfront ta' Ruth Spiteri fejn issottometta li l-Qorti tal-Magistrati erogat piena li fil-kwantita' taghha hija differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reati li dwarhom l-appellata Ruth Spiteri instabet hatja fuq ammissjoni taghha. Dan qieghed jinghad stante li l-Qorti tal-Magistrati imponiet sentenza sospiza fuq l-appellata Ruth Spiteri meta din insabet hatja talli kisret liberta'

kondizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, preseduta mill-Magistrat Dr. G. Mercieca nhar is-6 ta' Marzu, 2017.

L-Avukat Generali ghamel referenza ghal dak li jistipula l-artikolu 28A(7)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ssottometta li stante li l-appellata Ruth Spiteri ammettiet u konsegwentement instabet hatja li kisret liberta' kondizzjonata, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt legalment tinfliggi piena ta' prigunerija sospiza *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u dan in vista tal-eskluzzjoni carissima u inekwivoka ta' sentenza sospiza f'cirkostanzi bhal dak li tinsab fihom l-appellata Ruth Spiteri hekk kif stipulat fis-subartikollu 28A(7)(c) tal-Kodici Kriminali surreferit. L-appellant irrileva li l-Qorti kellha titratta maghha ghar-reat li dwaru saret il-liberta' kondizzjonata b'kull mod li tista' titratta maghha li kieku kienet ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak ir-reat u dan in vista ta' dak stipulat fl-artikolu 23(1)(a) tal-Att Dwar il-Probation.

Ghalhekk din is-sentenza hija limitata dwar l-aggravju tal-appellant l-Avukat Generali dwar il-piena li ghandha tigi inflitta fuq Ruth Spiteri. Ruth Spiteri ma appellatx is-sentenza appellata izda gialadarba din il-Qorti kienet annullat dik is-sentenza, din il-Qorti trid tqis mill-gdid il-piena li ghandha tigi inflitta f'dan il-kaz.

Din il-Qorti in vista tal-aggravju mressaq mill-Avukat Generali sejra fl-ewwel lok tqis jekk setghetx l-appellata tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza, sussegwentement din il-Qorti tikkunsidra liema piena hija idonea fic-cirkostanzi tal-kaz. Jirrizulta li l-appellata ammettiet ghall-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u ghalhekk ammettiet ukoll li kisret il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kienet instabet hatja mill-Qorti presduta mill-Magistrat Dr. G. Mercieca. Mill-fedina penali aggornata jirrizulta li fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) giet misjuba hatja talli fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) ikkomettiet serq semplici. F'dik is-sentenza kienet tpoggiet taht ordni ta' liberta' kondizzjonata ghal sitt xhur u ordnata thallas l-ammont ta' sittax-il ewro u disa' centezmi (16.09). Fil-proceduri odjerni l-appellata giet akkuzata bhala komplici ta' Roderick Zahra f'serq li sehhew bejn l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u t-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Ghalhekk jirrizulta li uhud mis-serqiet gew kommessi waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kondizzjonata.

L-artikolu 28A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li:

'*(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xiwwieħed mil-każijiet li ġejjin -*

*(a) meta l-ikkundannat ikun diġà qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija;*

*(b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu50;*

*(ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew **ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation**.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk stante li l-appellata ammetiet u ghalhekk instabet hatja li kisret il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti hija prekluza milli tinfliggi piena ta' prigunerija sospiza.

L-Avukat Generali issottometta fl-appell tieghu li l-Qorti kellha titratta maghha ghar-reat li dwaru saret il-liberta' kondizzjonata b'kull mod li tista' titratta maghha li kieku kienet ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak ir-reat u dan in vista ta' dak stipulat fl-artikolu 23(1)(a) tal-Att Dwar il-Probation. L-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta'probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta'probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;*

*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibgħat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun għamlet l-ordni ta'probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta'probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti għandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tinġieb quddiemha, u meta tinġieb prova għas-sodisfazzjon tagħha tad-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat ulterjuri, tista'tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemħa ta' dak ir-reat.*'

Ghalhekk skont l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti u cioe' il-Qorti tal-Magistrati kellha diskrezzjoni titrattax jew le mal-imputata ghar-reat li ghalih kienet inghatat l-ordni ta' liberta' kondizzjonata. Filwaqt li skont l-artikolu 23(1)(b) tal-istess Kapitolu, meta tkun Qorti differenti bhal dan il-kaz il-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tibghat lil hatja quddiem il-Qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' liberta' kondizzjonata u dan sabiex titratta maghha ghal dak ir-reat. Ghalhekk f'dan il-kaz, din il-Qorti sejra tibghat lill-appellata Ruth Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-Qorti titratta maghha dwar ir-reat li ghalih inharget l-ordni ta' liberta' kondizzjonata. Ghalhekk din il-Qorti ma hijiex prekluza sabiex f'kaz li tqis li huwa idonea, tpoggi lill-appellanta taht Ordni ta' Probation ghar-reati li taghhom hija ammettiet f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk jonqos li din il-Qorti tqis il-piena li ghandha tigi inflitta ghar-reati mertu ta' dawn il-proceduri. Fl-ewwel lok jirrizulta mill-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzata Ruth Spiteri fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) li hija kkoperat mal-Pulizija u ammettiet li kienet tmur ma' Roderick Zahra meta jmur jisraq ghalkemm kienet stqarret li kienet tmur mieghu ghax tinkwieta ghalih li jigrilu xi haga. Mill-fedina penali aggornata li tinsab a fol 32 tal-atti processwali jirrizulta li l-appellata Ruth Spiteri kienet fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) instabet hatja talli fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) waqt li kienet qieghda ssuq qalet kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, kif ukoll kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju. Filwaqt li kien fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) li giet misjuba hatja talli fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) ikkomettiet serq semplici. F'dik is-sentenza kif gia inghat kienet tpoggiet taht ordni ta' liberta' kondizzjonata ghal sitt xhur u ordnata thallas l-ammont ta' sittax-il ewro u disa' centezmi (16.09). Mill-fedina penali aggornata, ma jirrizultax li l-appellata Ruth Spiteri kkommetiet reati fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Fil-proceduri odjerni, l-appellata giet misjuba hatja bhala komplici ta' tlettax (13)-il imputazzjonijiet ta' serq, bil-maggoranza taghhom huma serq semplici ghajr ghall-imputazzjoni numru sitta u ghoxrin (26) li tirrigwarda serq aggravat bil-valur u bil-mezz u li kisret il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti sejra tqis ghandhiex fic-cirkostanzi tal-kaz timponi fuq l-appellata ordni ta' probation. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis li ghalkemm il-fedina penali tal-appellata ma hijiex wahda netta, mhijiex wahda allarmanti. Jirrizulta ukoll li l-appellata fis-sentenzi moghtija fil-konfront taghha skont dak li jirrizulta mill-fedina penali qatt ma tpoggiet taht ordni ta' probation. In oltre', f'dawn il-proceduri hija ma gietx akkuzata li hija recediva. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-appellata Ruth Spiteri certament li hija kandidat idoneu sabiex titpogga taht ordni ta' probation u dan in vista li ghalkemm l-appellata fl-istqarrijiet rilaxxati minnha ma ammetietx li hija mahkuma mill-vizzju ta' droga, din il-Qorti tqis li ghandha tinghata kull ghajnuna sabiex kwalunkwe vizzju jigi mghelub inkluz dak ta' droga jekk inhu l-kaz, fiflatt minn uhud mir-rapporti tal-Pulizija prezentati jirrizulta li l-appellata kienet giet arrestata waqt li kienet l-Isptar S. Luke's ghat-trattament tal-methadone.

Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs. George Farrugia'</u>**[3]:

*'Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il- bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs. A propositu ta' din il-karriera, l- Avukat Generali, fir-rikors tieghu, jghid hekk:*

*"F'dawn ic-cirkostanzi u f'din is-sitwazzjoni refrattarja u irriversibbli li fiha l-imputat waddab lilu nnifsu, l-esponent bl-akbar umilta` ma jista' qatt jaccetta jew jikkondividi it-tip ta' piena, jew ahjar il-mod kif l-ewwel qorti deherilha li kellha titratta mal-imputat. Hawnhekk ma ghandniex xi kaz ta' xi cittadin Malti ta' eta` tenera li habat difrejh l- ewwel darba mal-ligi u jinstab l-ewwel darba quddiem il-Qorti."*

*Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s- sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il- Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Jannar, 2001 (Appell numru: 245/00)

*Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979):*

*" The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

*U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation:*

***"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character"*** *(p. 236)*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Din il-Qorti tqis li abbazi tal-proviso tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe':

**1. Tal-fatt li ghalkemm il-fedina penali tal-appellata mhijiex netta, mhijiex wahda allarmanti;**

**2. Tal-fatt li l-appellata ikkoperat mal-Pulizija minn stadju bikri u rregistrat ammissjoni fl-ewwel seduta;**

**3. Tal-fatt li jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri ma giex kommess reat iehor;**

**4. Tal-fatt li l-appellata jehtieg li tircievi kull ghajnuna mehtiega sabiex izomm il-boghod mill-kriminalita' u ghalhekk inkluz li f'kaz li ghandha l-vizzju tad-droga, li hija tircievi ghajnuna sabiex tgheleb dan il-vizzju.**

ghandha bl-applikazzjoni tal-proviso tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill imputata Ruth Spiteri taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 42(d), 285, 261(b), 261(c), 263(a), 267, 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-appellata Ruth Spiteri hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni tal-proviso tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-appellata Ruth Spiteri taht ordni ta' probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tlett (3) snin mil-lum skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Din il-Qorti ai fini tal-imputazzjoni dwar il-ksur tal-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda ai termini tal-artikolu 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tibghat lill-appellata Ruth Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ghamlet l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata u dan sabiex titratta mal-hatja ghal dak ir-reat.

Il-Qorti *ai termini* tal-artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lil hatja fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin u/jew ma toqghodx ghall-ordnijiet moghtija lilha.

Tordna li kopja ta′ din is-sentenza tinghata lill-imputata kif ukoll tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb din l-Ordni ta′ Probation.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

ORDNI TA' PROBATION (MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

vs

Roderick Zahra

Ruth Spiteri

Illum 2 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **Ruth Spiteri** instabet hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation, giet mpoggija taht Ordni ta' Probation *ai termini* tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi li tahtom l-appellata ghandha tibbenfika mill-ewwel proviso tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe':

**<u>1. Tal-fatt li ghalkemm il-fedina penali tal-appellata mhijiex netta, mhijiex wahda allarmanti;</u>**

**<u>2. Tal-fatt li l-appellata ikkoperat mal-Pulizija minn stadju bikri u rregistrat ammissjoni fl-ewwel seduta;</u>**

**<u>3. Tal-fatt li jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri ma giex kommess reat iehor;</u>**

**<u>4. Tal-fatt li l-appellata jehtieg li tircievi kull ghajnuna mehtiega sabiex izomm il-boghod mill-kriminalita' u ghalhekk inkluz li f'kaz li ghandha l-vizzju tad-droga, li hija tircievi ghajnuna sabiex tgheleb dan il-vizzju.</u>**

Wara li fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, tkun tista tigi kkundannata ghar-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hatja weriet li trid thares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Ghalhekk tordna li l-hatja Ruth Spiteri, detentrici tal-karta tal-identita' numru 368679(M) tkun ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilha.

2. L-Ufficcjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja kull sitt xhur.

3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-Ufficjal tal-probation b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, tircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li l-hatja ghandha toqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hatja biex ma tergax tirrepeti r-reat jew tikkommetti reati ohra, inkluz li tircievi kull ghajnuna inkluz biex tgheleb il-vizju ta'

droga.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation *ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

.........................................

(firma tal-persuna mqeghda taht probation)

Franklin Calleja

Deputat Registratur